**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**SEDUTA NRU 3**

It-Tlieta, 10 ta' Mejju 2022

Il-Kamra tad-Deputati ltaqgħet fis-Sala tal-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4.00 p.m.

L-Ispeaker, l-Onor. Anġlu Farrugia, ippreseda.

**ATTENDENZA**

Il-Ministru għall-Agrikoltura, is-Sajd u d-Drittijiet tal-Annimali, l-Onor. Anton Refalo, kien imsiefer fuq xogħol tal-Gvern.

L-Onor. Joe Giglio kien skużat.

Il-Ministru għall-Edukazzjoni, l-Isport, iż-Żgħażagħ, ir-Riċerka u l-Innovazzjoni, l-Onor. Clifton Grima, kien assenti.

**TALBA**

L-Iskrivan tal-Kamra qal it-talba.

**INDIRIZZ LILL-KAMRA TAD-DEPUTATI MILL-EĊĊELLENZA TIEGĦU VOLODYMYR ZELENSKYI, PRESIDENT TAL-UKRAINA**

Skont ftehim milħuq, l-Ispeaker stieden lill-membri tal-media jidħlu fil-Kamra.

L-Ispeaker għamel diskors ta' merħba.

Skont ftehim milħuq bejn iż-żewġ naħat tal-Kamra, il-President tal-Ukraina, l-Eċċellenza Tiegħu Volodymyr Zelenskyi indirizza lill-Kamra tad-Deputati permezz ta' video link.

Il-Prim Ministru, l-Onor. Robert Abela, u l-Kap tal-Oppożizzjoni, l-Onor. Bernard Grech, wieġbu għall-Indirizz tal-President tal-Ukraina.

**MINUTI**

Il-Minuti tas-Seduta Nru 2 li saret fid-9 ta' Mejju 2022 kienu kkonfermati.

**INFORMAZZJONI MILL-ISPEAKER**

L-Ispeaker qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 100 Sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fil-kawża bl-ismijiet Francis Tabone vs Avukat tal-Istat et (Rikors Numru 191/2021LM), deċiża fis-6 ta' April 2022.

**TQEGĦID TA' KARTI**

Il-Ministru għall-Finanzi u x-Xogħol, l-Onor. Clyde Caruana, qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 101 Avviż Legali Nru 135 tal-2022 – Investment Services Act and Banking Act (MiFID and MiFIR Administrative Penalties, Measures and Investigatory Powers) (Amendment) Regulations, 2022;

P.L. 102 Avviż Legali Nru 136 tal-2022 – Data Reporting Services (Amendment) Regulations, 2022; u

P.L. 103 Avviż Legali Nru 137 tal-2022 – Financial Markets Act (MiFID and MiFIR Administrative Penalties, Measures and Investigatory Powers) (Amendment) Regulations, 2022.

**ORDNIJIET TAL-ĠURNATA**

L-Iskrivan tal-Kamra qara l-Ordnijiet tal-Ġurnata.

**1. INDIRIZZ B'RISPOSTA GĦAD-DISKORS TAL-PRESIDENT TA' MALTA**

Fid-diskussjoni ħadu sehem l-Onor. Julia Farrugia Portelli, l-Onor. Aaron Farrugia, l-Onor. Romilda Baldacchino Zarb, l-Onor. Michael Farrugia, l-Onor. Cressida Galea, l-Onor. Michael Falzon, l-Onor. Amanda Spiteri Grech għan-naħa tal-Gvern, u l-Onor. Beppe Fenech Adami, l-Onor. Julie Zahra, l-Onor. Mark Anthony Sammut, l-Onor. Darren Carabott, l-Onor. Graham Bencini, l-Onor. Janice Chetcuti għan-naħa tal-Oppożizzjoni.

Bil-permess tal-Kamra, l-Onor. Graham Bencini qiegħed fuq il-Mejda tal-Kamra:

P.L. 104 *Quality of Life Index* għas-snin 2016-2021 maħruġ minn www.internations.org.

Fis-6.51 p.m. id-diskussjoni kienet interrotta u baqgħet aġġornata.

**AĠĠORNAMENT**

Is-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali, l-Onor. Andy Ellul, ippropona l-aġġornament tal-Kamra għal nhar l-Erbgħa, 11 ta' Mejju 2022 fl-4.00 p.m. b'din aġenda:

**<u>Ordnijiet tal-Ġurnata</u>**

| | |
|---|---|
| Indirizz b'risposta għad-Diskors tal-President ta' Malta (Kont.) | |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar l-Immigrazzjoni | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Protezzjoni Internazzjonali | Tieni Qari |
| Abbozz ta' Liġi li jemenda l-Att dwar il-Kummissarji għall-Ġustizzja | Tieni Qari |

L-Onor. Andy Ellul informa lill-Kamra li skont ftehim milħuq fis-seduta tal-11 ta' Mejju 2022 il-Kamra se tkun qed tgħaddi mill-ewwel għall-Ordnijiet tal-Ġurnata, peress li fuq l-Aġenda ma kienx ser ikun hemm mistoqsijiet parlamentari.

Il-ħin tal-aġġornament ittieħed min-naħa tal-Oppożizzjoni mill-Onor. Toni Bezzina, mill-Onor. Graziella Galea u l-Onor. Bernice Bonello.

Fis-7.19 p.m. l-Ispeaker avża li l-Kamra ġiet aġġornata għall-Erbgħa, 11 ta' Mejju 2022 fl-4.00 p.m. bl-aġenda kif komunikata mis-Segretarju Parlamentari għad-Djalogu Soċjali.

**RAYMOND SCICLUNA**
**SKRIVAN TAL-KAMRA**

**KONFERMATI**

**ONOR. ANĠLU FARRUGIA**
**SPEAKER**